Marzu 2015

Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE



# Il-BEI f'Malta fl-2014

Fl-2014, il-BEI kompla jgħin bl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fis-snin preċedenti, fejn ħadem b'mod attiv biex iżżomm l-arranġamenti ta' finanzjament fl-appoġġ tas-settur tal-enerġija matul il-fażi tar-ristrutturar tas-settur implimentat mill-gvern Malti.






**Tislif mill-BEI skont is-settur f'Malta mill-2010 sal-2014** (f'miljuni ta' EUR)

| | |
|---|---|
| Enerġija | 71% |
| Ilma, dranaġġ, skart solidu, żvilupp urban | 29% |



Il-Ministru għall-Finanzi Edward Scicluna kien iċ-Chairman tal-bord tal-BEI għal semestru u saritlu żjara f'pajjiżu minn delegazzjoni mmexxija mill-President tal-BEI. Din ippreżentat l-opportunità biex jiġu identifikati proġetti potenzjali biex jappoġġjaw investiment prijoritarju fl-infrastrutturi tal-gass u l-enerġija, fis-setturi tal-akkomodazzjoni soċjali, ir-riġenerazzjoni urbana u l-edukazzjoni. Matul perjodu ta' aktar minn 30 sena, it-tislif tal-BEI kkonċentra fuq is-setturi tal-enerġija, il-banek, it-trasport, l-ilma, ir-rimi tal-iskart u l-infrastruttura urbana.

L-2014 kienet is-sena tat-tlestija tal-proġett ewlieni ta' Bieb il-Belt Valletta, appoġġat mill-BEI b'kuntratt ta' finanzjament ta' EUR 40 miljun. Dan jikkonċerna r-riġenerazzjoni urbana ta' parti miċ-ċentru storiku tal-belt kapitali, inkluż il-bini ta' bini parlamentari ġdid u teatru.

## Enfasi fuq l-enerġija u r-riġenerazzjoni urbana

L-attivitajiet f'Malta bdew fl-1979 u l-volum totali tat-tislif tal-BEI b'appoġġ għall-ekonomija lokali sal-lum laħaq it-total ta' EUR 411.5 miljun. L-akbar self – EUR 150 miljun lill-Enemalta, il-kumpanija tal-enerġija tal-gvern, sabiex ittejjeb is-sorsi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija domestika biex tissodisfa r-rekwiżiti tad-direttivi tal-UE l-aktar riċenti – imur lura għall-2008. L-Enemalta rċeviet ukoll EUR 100 miljun fl-2010 għall-finanzjament tat-tqegħid ta' kejbil taħt il-baħar li jgħaqqad lil

Malta ma' Sqallija (l-Italja) għat-trażmissjoni tal-elettriku, attività li taqa' taħt TEN-t. Fl-2012 ġie ffirmat kuntratt ta' finanzjament ta' EUR 40 miljun mal-kumpanija pubblika lokali ta' proprjetà immobiljari Malita Investments plc għar-riġenerazzjoni urbana taċ-ċentru storiku tal-belt kapitali, inkluż il-bini tal-bini Parlamentari l-ġdid u teatru.

## Fil-ġejjieni: telekomunikazzjoni, akkomodazzjoni soċjali u SMEs

Matul l-2014 il-BEI evalwa u approva attività tat-telekomunikazzjoni f'Malta. Din hija l-ewwel attività tal-BEI fis-settur privat Malti u fis-settur tat-telekomunikazzjoni, fejn l-iffirmar tal-kuntratt ta' self huwa mistenni fl-2015.

Il-BEI flimkien mal-FEI approva l-Inizjattiva tal-SMEs fl-2014. Din hija inizjattiva konġunta tal-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea mal-Gvern ta' Malta. L-Inizjattiva tal-SMEs għandha l-għan li tappoġġja lill-SMEs Maltin permezz ta' strument ta' garanzija. L-inizjattiva se tiġi implimentata matul l-2015-2016.

Il-BEI se jsegwi wkoll l-azzjoni tiegħu b'appoġġ għall-infrastruttura strateġika u investimenti ewlenin li ngħataw prijorità mill-gvern. Fost dawn, is-settur tal-enerġija, ir-riġenerazzjoni urbana u l-akkomodazzjoni soċjali huma s-setturi ewlenin għall-attività futura tal-Bank.



EUROPEAN INVESTMENT FUND

## Il-Fond Ewropew tal-Investiment

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) huwa l-fergħa speċjalizzata tal-BEI li jipprovdi soluzzjonijiet ta' finanzjament ta' riskju lil intermedjarji finanzjarji biex jappoġġa SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u jrawwem l-innovazzjoni fl-Ewropa. Fl-2014, impenja EUR 3.3 biljun f'appoġġ għan-negozju, u bis-saħħa ta' dan se jiġi mmobilizzat kaptal ta' madwar EUR 14-il biljun.

Skont il-linja kummerċjali, il-FEI impenja total ta' EUR 1.65 biljun għal ekwità f'74 fond fi stadju bikri u ta' tkabbir, li ġabar total ta' EUR 8.3 biljun. Min-naħa tal-garanziji, impenja EUR 1.6 biljun f'60 tranżazzjoni, li aġixxew bħala katalista biex jattiraw EUR 5.6 biljun ta' self ġdid għall-SMEs. L-appoġġ tal-FEI għall-mikrointrapriżi ammontaw għal total ta' EUR 51 miljun, li ġġeneraw volum ta' self ta' EUR 133 miljun. B'mod ġenerali, aktar minn 175 000 SME u kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja ġew appoġġati mill-FEI fl-2014.

Il-FEI ilu jopera f'Malta sa mill-2006 u fl-2014 il-Bank of Valletta akkwista 8 ishma addizzjonali (ugwali għal 50% tal-intitolament tiegħu) fil-kuntest taż-żieda kapitali, u għaldaqstant in-numru totali ta' ishma tal-kostitwenza għal 24 sehem. Fl-2014 ukoll, il-FEI ffinalizza n-negozjati għall-Inizjattiva tal-SMEs li se twassal għal iffirmar mistenni ta' EUR 15-il miljun sal-ewwel trimestu tal-2015.

Għal aktar informazzjoni: www.eif.org/malta.

## Firem f’Malta fl-2010 -2014 (f’EUR m)





## Ħarsa lejn il-BEI

Il-BEI huwa l-istituzzjoni ta' tislif fuq żmien fit-tul tal-UE u huwa l-proprjetà tal-Istati Membri tal-UE. Jipprovdi finanzjament fuq żmien fit-tul għal investiment sod, jikkontribwixxi għat-tkabbir, l-impjiegi, il-konverġenza reġjonali u l-azzjoni għall-klima fl-Ewropa u lil hinn minnha.

Sabiex jimmasimizza t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-BEI għandu fil-mira erba' oqsma prijoritarji: l-innovazzjoni u l-ħiliet, l-SMEs, l-azzjoni għall-klima u l-infrastruttura strateġika mal-UE kollha.

Il-BEI wettaq l-impenn li għamel lill-Istati Membri biex jimmobilizza EUR 180 biljun ta' investiment addizzjonali mal-Ewropa kollha matul il-perjodu 2013-2015. Diġà fl-ewwel sentejn sa miż-żieda ta' EUR 10 biljun fil-kapital tal-BEI deċiża mill-Istati Membri fl-2012, il-Grupp tal-BEI pprovda finanzjament li ammonta għal aktar minn EUR 150 biljun, b'appoġġ ta' investiment ġenerali ta' madwar EUR 450 biljun. Dan jinkludi finanzjament regolari kif ukoll attivitajiet addizzjonali wara ż-żieda fil-kapital fl-2013.

Sa mill-2008, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment ipprovda kważi EUR 50 biljun għal investiment fi proġetti madwar l-Ewropa kollha. Il-bank tal-UE bħala medja jiffinanzja terz tal-ispejjeż tal-proġett, u s-self tal-BEI mmobilizza madwar EUR 1.5 triljun f'dan il-perjodu.

**EUR 20.6 biljun**
b'appoġġ għal infrastruttura strateġika fit-trasport u l-enerġija kif ukoll l-infrastruttura urbana fl-Ewropa.

**EUR 77 biljun**
fil-volum tat-tislif totali (żieda ta' 7.4%), li minnhom
**EUR 69 biljun**
fl-UE (żieda ta' 7.8%)

**EUR 19.1-il biljun**
għall-azzjoni għall-klima b'appoġġ għal soluzzjonijiet li huma aktar effiċjenti fir-riżorsi u tajbin għall-klima

**EUR 14.7 biljun**
Appoġġ tal-Grupp tal-BEI għall-innovazzjoni u l-ħiliet inkluża l-infrastruttura diġitali fl-Ewropa

**EUR 25.5 biljun**
Appoġġ tal-Grupp tal-BEI għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-Ewropa – l-akbar volum li qatt kien hemm u l-akbar prijorità ta' politika singolari tal-Bank

Il-BEI ffirma
**EUR 13-il biljun**
għall-programm tiegħu ta' Ħiliet u Impjiegi – Investiment għaż-Żgħażagħ

**Għal aktar informazzjoni dwar il-BEI f'Malta: www.eib.org/malta**


**Kuntatti għall-istampa:**

**Marco Santarelli**
+39 06-4719726
m.santarelli@eib.org

**Segretarjat għall-Istampa**
+352 4379-21000
+352 4379-61000
press@eib.org
www.eib.org/press

**Kuntatti ġenerali:**

**Bank Ewropew tal-Investiment**
98-100 boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg

**Information Desk**
+352 4379-22000
+352 4379-62000
info@eib.org
www.eib.org


Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

© EIB –09/2015 – © EIB GraphicTeam Photos: EIB photographic library